

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Id-drittijiet Tal-minorenni Fil-proċeduri Tal-qorti](#) > Malta

# Id-drittijiet tal-minorenni fil-proċeduri tal-qorti

Il-kontenut ipprovdut minn  
Malta



Malta

Hemm diversi definizzjonijiet ta' xi tqis il-liġi bħala "persuna minuri" (il-kapaċità ġuridika tal-minuri) fil-qafas ġuridiku Malti kollu.

## 1. Il-kapaċità ġuridika tal-minuri

F'Malta, l-età minima tar-responsabbiltà kriminali hija ta' 14-il sena. Għall-kwistjonijiet kollha, l-età minima biex attur jista' jiftaħ kawża quddiem il-qorti f'ismu stess hija ta' 18-il sena.

## 2. Aċċess għal proċedimenti adattati

B'referenza għat-trażgressuri minorenni, il-qorti speċjalizzata li tittratta ma' minuri fil-Qasam Kriminali hija l-Qorti tal-Minorenni. Fir-rigward ta' vittmi minuri, dawn jinstemgħu permezz ta' links bil-vidjo. Proċedimenti Ċivili: Il-minuri taħt l-età ta' tmintax-il sena ma jistgħux iħarrku lil ħaddieħor jew jiġu mħarrkin, ħliet permezz ta' ġenitur, tutor, kuratur jew kustodju. Madankollu, f'kawżi tal-qorti li jittrattaw separazzjoni jew divorzju personali, matul il-proċedimenti, il-qorti għandha dejjem tqis l-aħjar interess tal-minuri. Dawn li ġejjin huma proċedimenti ġudizzjarji amministrattivi li jinvolvu persuni minuri: il-protezzjoni ta' minuri, l-adozzjonijiet, il-fostering, l-applikanti għall-ażil mhux akkumpanjati u l-persuni minuri fi proċedimenti tal-ażil.

## 3. Il-miżuri legali u ta' politika sabiex jiġi evitat dewmien żejjed fl-immaniġġjar ta' kawżi li jinvolvu persuni minuri

Il-miżuri legali u ta' politika fis-seħħ sabiex jiġi evitat dewmien żejjed fl-immaniġġjar ta' kawżi li jinvolvu persuni minuri jvarjaw skont iċ-ċirkostanzi: kawżi kriminali: persuna minuri bħala vittma u persuna minuri bħala trażgressur, f'kawżi ċivili u f'kawżi tal-familja jiġi kkunsidrat l-aħjar interess tal-minuri. Fir-rigward tal-kawżi amministrattivi li jikkonċernaw minuri, meta jinħarġu ordnijiet għall-ħarsien, dawn jitressqu quddiem il-Qorti tal-Minorenni, li hija qorti speċjalizzata.

## 4. Il-mekkaniżmi u l-proċeduri speċifiċi ta' manteniment għat-tfal u l-aħjar interessi tal-minuri

Ma teżisti l-ebda regola ġenerali fil-liġi Maltija li tispeċifika l-kundizzjonijiet li fihom persuna minuri vulnerabbli għandha tinstema' matul il-proċedimenti kriminali jew amministrattivi differenti kollha li jeżistu. Hemm liġijiet li jinsabu fi status u proċeduri differenti applikati mill-korpi ġudizzjarji jew kważiġudizzjarji li jagħmlu l-proċedimenti amministrattivi u kriminali rispettivi konformi mal-Artikolu 12 tal-UNCRC. F'Malta, kull persuna minuri tista' tagħti x-xhieda tagħha; madankollu, huwa essenzjali li l-qorti tkun sodisfatta li x-xhud minuri jifhem li huwa ħażin li tingħata xhieda falza.

## 5. Il-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fi proċedimenti li jinvolvu persuni minuri

Il-monitoraġġ u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fi proċedimenti li jinvolvu persuni minuri jiddependu fuq it-tip ta' kawża, skont il-Liġi Maltija, wieħed isib il-liġi kriminali li ġejja: l-ġhoti ta' sentenza, ordnijiet għall-ħarsien, ordnijiet ta' probation u parole. Fir-rigward tal-proċedimenti ċivili, id-deċiżjonijiet li jinvolvu persuni minuri bħala atturi jew konvenuti jiġu eżegwiti bl-istess mod bħad-deċiżjonijiet li jinvolvu persuni adulti bħala atturi jew konvenuti. B'referenza għall-proċedimenti amministrattivi skont il-Liġi Maltija, il-persuni minuri ma jistgħux iħarrku lil ħaddieħor jew jiġu mħarrkin, ħlief fil-persuna tal-ġenitur li jeżerċita awtorità tal-ġenituri, jew, fin-nuqqas ta' tali ġenitur, ta' tutor jew kuratur. Il-kawżi ta' protezzjoni ta' minuri jistgħu jinbdeu mid-dipartiment legali tal-Aġenzija Appoġġ jew minn avukat privat.

## 6. Aċċess għar-rimedji

Skont il-Liġi Maltija, fil-proċedimenti kriminali ma hemm l-ebda dritt speċifiku għall-vittmi minuri. Dan id-dritt joħroġ mil-liġi nnifisha u japplika għall-vittmi kollha, kemm jekk ikunu minuri kif ukoll jekk adulti. Fir-rigward tal-proċedimenti ċivili/amministrattivi, persuna minuri tista' tikseb aċċess għal kwalunkwe ilment, appell legali jew mekkaniżmu ta' sħarriġ ġudizzjarju permezz ta' ġenitur, tutor, kuratur jew kustodju. Matul il-proċedimenti kontenzjużi bejn id-detenturi tad-drittijiet tal-ġenituri quddiem il-Qorti tal-Familja, jista' jinħatar avukat tal-minuri biex jirrappreżenta l-interess tal-minuri.

## 7. Adozzjoni

Il-proċedura tal-adozzjoni f'Malta tinvolvi diversi stadji.

[Ġustizzja favur il-persuni minuri f'Malta](#)  (366 Kb) 

---

■ L-aħħar aġġornament: 22/06/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.